# 275 sena Konsagrazzjoni tal-Katidral tal-Lvant

**Kitba : Pawlu Zammit**



Din is-sena l-Knisja Parrokkjali qiegħda tfakkar il-275 sena mill-konsagrazzjoni tagħha. It-tema magħżula għal din l-okkażjoni hija; 'Din hi d-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema', Ġenesi 28.17. Il-knisja hija d-dar fejn il-poplu nisrani jinġabar għaċ-ċelebrazzjonijiet ewlenija tal-ħajja tal-knisja. B' dik l-aktar importanti fil-ġurnata tal-Ħadd, Jum il-Mulej. Il-mixja nisranija tkompli fid-dawl tas-seba' sagramenti; mill-bidu tal-ħajja permezz tal-magħmudija saċ-ċelebrazzjonijiet funerarji fejn jingħata bidu għall-ħajja ġdida.

Il-Griegi tal-qedem kienu jfissru l-post fejn tinġabar l-miġemgħa bħala eccelesia(knisja). Fit-Testment il-Ġdid, insibu l-ġurnata tal-Pentekoste li fiha twaqqfet il-Knisja bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli miġbura flimkien. Id-dar ta' Alla hija wkoll id-dar tal-ikel. Bit-twaqqif tal-Ewkaristija minn Sidna Ġesu Kristu fil-lejl ta' Ħamis ix-Xirka, fil-kliem li qal, ìAgħmlu dan b'tifkira tiegħi', is-saċerdoti ta' kuljum waqt il-quddiesa jfakkru din il-ġrajja qaddisa, f'dan il-lok qaddis. Fil-ġrajja tad-dixxipli ta' Emmaus, huma għarfuh bil-qsim tal-ħobż.
Mat-tlestija ta' kull bini tal-Knisja, il-poplu jitlob lill-Isqof għar-rit tal-konsagrazzjoni wara li jkunu tħallsu l-ispejjeż kollha marbuta mal-bini tal-Knisja.

Il-ġrajja tal-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali, hija imfakkra f' irħama kommemorattiva li nsibu fuq l-antiporta fil-kappella ta' San Mikiel li fl-imgħoddi, meta n-navi preżenti ma kinux għadhom mibnija, kienet fil-korsija.

ìL-10 ta' Mejju tal-1744, l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra sollennament din il-Knisja iddedikata lill-Verġni u Martri Santa Katerina u mibnija bil-ġenerożita ta' Girgor Boniċi u bl-entużjażmu taż-Żwieten u l-kappillan tagħhom.'

Ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja kien ilu għaddej bit-tqegħid tal-ewwel ġebla nhar il-25 ta' Novembru tal-1692 mill-Isqof ta' dak iż-żmien, Davide Cocco Palmieri fil-preżenza tan-nobbli Girgor Boniċi, il-benefattur ewlieni. Fil-ġurnata tal-konsagrazzjoni, il-knisja kienet għadha forma ta' salib Latin u b' żewġ kampnari fuq wara. Kellhom jgħaddu s-snin sa ma saru l-kampnari l-ġodda u l-koppla bil-lanterna. Fl-okkażjoni tal-250 sena, fl-10 ta' Mejju tal-1994, fl-omelija tiegħu Mons. Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali kien qal, ìNispjega din il-knisja mibnija b' tant sagrifiċċji minn missirijietna; hija id-dar ta' Alla; id-dar fejn aħna ninbnew f' ġebel ħaj bħala nsara permezz tal-kelma ta' Alla u tal-Ewkaristija, bis-sagramenti u bl-imħabba ta' bejnietna, aħna l-Insara, ilkoll membri tal-familja ta' Alla li qiegħda ssejħilna biex tkun ukoll ikkonsagrata jiġifieri nsiru wkoll qaddisin.'

**Poplu Ikkonsagrat**

Aħna wkoll poplu kkonsagrat fil-ħajja nisranija bl-użu taż-żjut imqaddsa fil-mixja tal-ħajja tagħna. Iż-żjut imqaddsa nsibuhom diga' fit-testment il-qadim bħal dik tas-slaten u l-profeti għall-funzjonijiet tat-tempju. Dan iż-żejt kien ikun imħallat bil-balzmu. Iċ-ċelebrazzjoni li ssir f' nhar Ħamis ix-Xirka filgħodu, l-Arċisqof imexxi konċelebrazzjoni bis-sehem tas-saċerdoti preżenti. Jiġu mħejja tliet važuni kbar biż-żjut, li fihom f'parti mir-rit l-Arċisqof jonfoħ. B'dan ir-rit isiru t-tliet żjut imqaddsa dak tal-Griżma, tal-Katekumeni u tal-Morda. Iż-żejt tal-Griżma huwa ż-żejt li jintuża fir-rit tal-konsaggrazzjoni tal-knejjes.
Qabel din iċ-ċelebrazzjoni kien isir ukoll it-tberik tal-knisja. Fil-każ taż-Żejtun, it-tberik tal-Knisja kien sar fl-1720. Iċ-ċelebrazzjoni tal-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali u tal-altar maġġur kienet tibda lejlet il-ġurnata magħżula, billi kienet issir transulazzjoni bir-relikwi li l-għada jitpoġġew fl-ocolo (kaxxa żgħira tal-irħam li tkun fuq il-mensa tal-altari) u jiġu ssiġillati. Ir-relikwi jkunu tal-qaddisin martri, għall-fatt li l-ewwel altari kienu fuq l-oqbra




tal-martri kif insibu fil-knejjes ewlenin ta' Ruma. Fi tmiem taċ-ċelebrazzjoni kien jitkanta l-ewwel għasar tal-Konsagrazzjoni. Fil-lejl ta' lejlet il-konsagrazzjoni, il-poplu kien jiġi mitlub isum. Iċ-ċelebrazzjoni tal-konsagrazzjoni kienet tibda minn kmieni filgħodu bil-qofol ikun il-konsagrazzjoni tal-altar maġġur u tat-tnax -il salib li nsibu mad-dawra tal-pilastri tal-Knisja Parrokkjali fuq it-tifsira tat-tnax -il appostlu li huma l-pilastri ewlenija tal-knisja. Għal dan ir-rit kien inħadem taraġ ċerimonali tal-okkażjoni li kien inġarr quddiem kull salib biex l-Isqof jitla' jikkonsagra s-slaleb wieħed wieħed. Wara kien tpoġġa l-brazz bix-xemgħa u fi tmiem taċ-ċelebrazzjoni nxtegħlu l-brazzi kollha u x-xemgħat tal-artal maġġur. Ta' min isemmi li l-ispiża ta' nofs dawn is-slaleb flimkien mal-altar maġġur tħallsu mill-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament u s-sitt slaleb l-oħra tħallsu mill-Veneranda Lampa (il-poplu Żejtuni).

L-altar maġġur jiġi kkonsagrat bid-dilka taż-żejt u tqegħid tar-relikwi. Fl-altar maġġur, tidher skrizzjoni bil-Latin li tfakkar din il-ġrajja storika. Fil-ħajja nisranija, iż-żjut imqaddsa jintużaw fil-magħmudija, griżma tal-isqof, fl-ordinazzjonijiet saċerdotali u episkopali u fi tmiem tal-ħajja tagħna fuq din l-art. Imbewwes mal-bieb il-kbir insibu l-battisteru, il-bidu tal-ħajja nisranija u maġenbu nsibu l-post fejn jinżammu tnejn miż-żjut imqaddsa. Dak li nsibu fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun, tixbieha ta' niċċa fuq stil Barokk imħallsa minn Dun Paolo Ellul, Kappillan taż-Żejtun kif jidhru l-inizjali taħt in-niċċa P.D.P.E.F (Parrochus Dominus Paolo Ellul Fecit). Filwaqt li dak tal-griżma tal-morda jinżamm f' depożitorju (niċċa żgħira) fuq in-naħa tal-vanġelu maġenb l-altar maġġur li jkun mgħotti b' purtiera vjola.

**Il-Protagonisti tal-ġrajja tal-Konsagrazzjoni**

L-Arċisqof Mons. Alpheran de Bussan Twieled fil-belt ta' Aix fi Franza fit-28 ta' Ottubru tal-1686. Nhar it-8 ta' Diċembru tal-1710 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Malta, Mons. Davide Cocco Palmieri. Serva bħala kappillan tal-Ordni ta' San Ġwann f' Malta. Fil-14 ta' Marzu 1728 ġie kkonsagrat Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Damietta, l-Eġittu. Fi żmienu nbena s-seminarju l-antik ġol-Imdina, ġab diversi privileġġi lill-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina fosthom il-mitra u s-salib pettorali. Ikkonsagra diversi knejjes fosthom dik taż-Żejtun, kiteb wieħed mill-istatuti tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament tal-istess imsemmija parroċċa. Fil-mużew parrokkjali nsibu l-kalċi u l-patena bl-arma tiegħu. L-arma tiegħu nsibuha fis-sagristija, li kienet iżżejjen l-orgni tal-Knisja Parrokkjali, fil-lampier (l-antik) tal-fidda tal-altar maġġur u dak tal-altar tal-Madonna tal-Karmnu. Huwa miet nhar l-20 ta' April tal-1757.

Dun Indri' Xuereb - Kappillan taż-Żejtun (1743-1769)



Il-Beatu Nazju Falzon
1813-1865




Kien ilu sena biss li laħaq kappillan taż-Żejtun li sab ma' wiċċu l-preparamenti tal-konsagrazzjoni. Kien l-ewwel kappillan li libes ir-rukkett u l-muzzetta; privileġġ mogħti bit-tħabrik tas-saċerdot Żejtuni, Dun Ċirillu Formosa (1702-1767). Fi żmienu tkompla l-bini tal-knisja u kellu jgħinuh fl-imsemmi bini lil Dun Ġużepp Darmanin (1700-1787) u Dun Ġużepp Caruana (1730-1799). Fl-1744, is-sena tal-konsagrazzjoni, il-kleru taż-Żejtun kien jammonta għal tmintax -il saċerdot. Fost l-opri li saru fi żmien il-parrokkat tiegħu nsibu l-istatwa titulari, bit-tħabbrik ta' Dun Ġużepp Abela, il-pulptu fl-1763, il-Kor u l-Kaxxerizzi tas-Sagristija u l-bini tal-Oratorju tas-Ssmu. Sagrament bl-għajnuna finanzjarja tal-istess fratellanza. Għal dan l-Oratorju, hu rregala l-kwadru l-antik tal-Oratorju xogħol l-artist Salvatore Morales fl-1746, kif insibu miktub fil-parti ta' isfel tal-kwadru. Dan il-kwadru llum jinsab fil-mużew parrokkjali taż-Żejtun. Huwa miet fit-18 ta' Frar tal-1769.

Festi speċjali li saru f' għeluq il-275 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.
Il-festi fil-Knisja Parrokkjali bdew nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju fejn fis-7:30pm ingħata bidu għall-Akkedemja Muzikali fil-Knisja Arċipretali u Arċimatriċi ta' Santa Katarina V.M, Żejtun; taħt il-patroċinju tal-Professur Mons. Hector Scerri. Għal din l-okkażjoni ġew esegwiti wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' Maestri di Cappella passati tal-Knisja Parrokkjali, mill-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ray Sciberras, Maestro di Cappella Diacono attwali. Fid-9 ta' Mejju, fis-7:15pm ingħata bidu għat-translazzjoni solenni mill-Knisja l-Qadima ta' Santa Katarina magħrufa ta' San Girgor għall-Knisja Parrokkjali bis-sehem tal-erba' fratellanzi, abbatini u kleru tal-parroċċa u fejn ġiet akkumpanjata minn ħruq ta' kaxxa nfernali. Wara ġie ċċelebrat l-ewwel għasar tal-festa tal-Konsagrazzjoni li ġie presedut minn Dun Nicholas Pace, Arċipriet taż-Żejtun. L-għada, 10 ta' Mejju, Jum il-festa tal-Konsagrazzjoni, fejn fis-5:40pm, il-Kan. Dun Dillon Buġeja Viċi Arċipriet, ippresieda t-tieni għasar biex fis-6:30pm ingħata bidu għall-pontifikal solenni fil-Knisja Parrokkjali mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna Arċisqof ta' Malta, fil-preżenza tal-E.T. President ta' Malta Dr. George Vella, persuni distinti, u l-poplu taż-Żejtun. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, L-Onor. Carmelo Abela ppreżenta Ostensorju bir-relikwija tal-papa qaddis San Gwanni Pawlu II. Kien inawgurat ukoll ix-xogħol ta' restawr fuq il-pittura tal-benefattur ewlieni tal-Knisja, Gregorio Boniċi minn Mons. Arċisqof. Ix-xogħol tar-restawr sar mis-Sur Brian Caruana u tħallas minn Nazzareno Abela ta' Ċanċu. Il-mużika f' dawn il-jiem tal-festi ġiet esegwita mill-Cappella Diacono taħt id-direzzjoni tal-Mro. Ray Sciberras filwaqt li l-ħruq tan-nar tal-ajru matul dawn il-jiem kien ikkordinat mill-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru.





**Għeluq**

Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja hija ġrajja importanti fil-ħajja tal-komunita` nisranija. Fl-omelija tiegħu l-E.T Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof Metropolita ta' Malta, nhar l-10 ta' Frar 2019 appella biex il-knejjes tagħna jibqgħu xhiedha ta' fidi ħajja u sinjuri mhux biss fl-arti imma wkoll fl-ispirtu nisrani. Kif staqsa l-Arċisqof irridu kontinwament nżommhu f' moħħna l-mistoqsija, ìX'ser ngħaddu lil uliedna, mużewijiet jew fidi ħajja?'